MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Numru 1047/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**STANLEY SPITERI**
**CHRISTOPHER JOSEPH XUEREB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Stanley Spiteri ta’ 33 sena, iben il-mejjet Carmelo u Maria Giovanna nee’ Caruana, imwieled il-Pieta’ nhar l-24 ta’ Novembru 1976, residenti gewwa Ft 16, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk D, Birzebbuga u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 29577(M)

U

Christopher Joseph Xuereb ta’ 30 sena, iben Anthony Frank u Carmen nee’ Saliba, imwieled Toronto Canada nhar il-11 ta’April 1980, residenti gewwa 42, Trillium, Triq Anton Falzon, Luqa u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 194696(M)

1) Akkuzati talli fl-1 ta’ Settembru 2010 ghall-habta tas-19:00hrs, minn gewwa s-Substation NKT li tinsab fil-Qasam Industrijali, Limiti ta’ Hal Far, Hal Far, ikkommettew serq ta’ cable li l-valur ma jeccedix l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) liema serq huwa aggravat bil-mezz u dan ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra;

2) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw hsara fuq makkinarju gewwa s-Substation NKT, Hal Far u diversi affarijiet li kienu fiha, liema hsara teccedi l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u dan ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma’ l-imputati li huma ricedivi ai termini ta’ l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok PC5 u nnutat li l-imputati Stanley Spiteri u Christopher Joseph Xuereb m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputati Stanley Spiteri u Christopher Joseph Xuereb wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 17, 31, 261(b), 263, 278(1) u 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Stanley Spiteri u Christopher Joseph Xuereb, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati Stanley Spiteri u Christopher Joseph Xuereb ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija kull wiehed u erbat'elef u wiehed u erbghin Ewro u disgha u sittin centezmi ta' Ewro (Ewro 4041.69) multa kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputati Stanley Spiteri u Christopher Joseph Xuereb jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati Stanley Spiteri u Christopher Joseph Xuereb sabiex fi zmien erba' (4) xhur millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati fi kwoti ndaqs bejniethom is-somma ta' erba' mija u tmien Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi ta' Ewro (Ewro 408.25) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. BM 1.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Stanley Spiteri u Christopher Joseph Xuereb l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qrati ghall-obbligu tieghu taht l-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------